MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Numru. 717/2012

**SPETTUR YVONNE FARRUGIA**

**VS**

**YOUSSEF ISMAIL MAHER ASLEH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Youssef Ismail Maher Asleh ta’ 38 sena, bin Ismael Youssef u Fatma nee’ Elhag, mwieled Arsafia, Gordan fit- 18 ta’ April 1974, residenti 97, Robert’s Court, Flat 8, Triq J. Quintinus, San Pawl il- Bahar u detentur tal- passaport Algerin bin- numru 2448536 mahrug fil- 25 ta’ Novembru 2008 u tal- Karta tal- Identita’ Maltija bin- numru 272207L;

> Talli matul Lulju 2012 u x- xhur precedenti, f’ dawn il- Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess disposizzjonijiet tal- ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, b’ mezzi kontra l- ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jiwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’ qerq ta’ aktar minn €2,329.37 ghad- detriment ta’ Paul Vella minn Hal Kirkop ta’ Anthony Azzopardi mill- Hamrun tas- socjeta’ Go PLC u tas- socjeta’ Vodafone Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. F'Lulju 2012 il-Pulizija kienet rceviet rapport minn ghand GO plc dwar allegat abbuz tas-sistema telefonika li gara dak ix-xahar stess, ftit jiem biss qabel. Gie rapportat li fil-lejl bejn is-6 u s-7 ta' Lulju 2012 kienu saru hafna telefonati minn linja lokali ghal pajjizi ohra, b'mod li fi ftit sieghat saru telefonati li jiswew madwar sebat elef ewro. Din il-linja kienet ta' certu Paul Vella, li meta gie mitkellem mill-Pulizija, huwa spjega kif hu kien mar flimkien ma' persuna ta' nazzjonalita' barranija f' ufficcju tal-GO u kien inghata linja telefonika. Din il-persuna kienet qaltlu lil Vella li kien ser jaghmel negozju bil-linja telefonika u kienu ser jaqsmu l-qligh bejniethom. Din il-persuna kien jisimha Rashid, izda aktar tard il-Pulizija identifikatu bhala Maher Asleh, l-imputat f'din il-kawza. Ghalhekk l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghal dawn l-akkuzi.

Il-Prosekuzzjoni tellghet diversi xhieda f'din il-kawza, fosthom l-Ufficjal Investigattiv, l-Ispettur Yvonne Farrugia, Paul Vella, u rappresentant tal-Go jisimha Charmaine Galea Triganza. L-Ispettur Farrugia qalet li fl-10 ta' Lulju 2012 il-Pulizija kienet irceviet rapport minn naha tal-GO p.l.c fejn dawn gew irrappurtaw illi kienu nnutaw transazzjonijiet suspettuzi, anzi telefonati suspettuzi bejn is-Sibt is-7 ta' Lulju u l-Hadd 8 ta' Lulju 2012, fejn dawn it-telefonati kienu qed isiru minn numru cellulari 79061376 u kienu kollha barranin, dehlin fuq din il-linja u jigu "forwarded" lejn il-Litwanja u s-Somalja.

Minn dan huma ghamlu nvestigazzjonijiet interni fejn irrizultalhom illi l-ammonti ta’ dawn it-telefonati, fi ftit sieghat, tela’ ghal madwar sebat elef Ewro u dan il-kont kien qed jghajjat lil certu Paul Vella b’ID card number 318876(M). Dan il-kuntratt kien sar fit-30 t’April 2012, fejn dan kien iffirma kuntratt pay monthly €85 plan, u kien inghata wkoll Smart Phone Samsung u ihallas €85 fix-xahar. Huma stabbilixxew ukoll li fis-6 ta’ Lulju li kien il-Gimgha, gurnata qabel li saru dawn it-telefonati, ghal-habta tas-siegha neqsin kwart, Paul Vella kien akkumpanjat minn persuna ohra li ma kienetx maghrufa pero li taghha kellhom il-filmat ghadu ezistenti li huma ghaddew lil Pulizija, fejn dan Paul Vella ma’ din il-persuna kienu marru fl-outlet tal-GO ta’ Rahal Gdid u hemmhekk il-persuna li m’hix maghrufa tkellmet ghal Paul Vella u qalet li s-sim card u l-mobile kien intilef u talbu ghal-sim card gdid, cioe is-sim card 79061376.

Fuq dan ir-rapport il-Pulizija bdiet l-investigazzjonijiet taghha u nhareg mandat ta’ tfittxija u arrest ta’ Paul Vella. Kienet ittiehdet stqarrija tieghu fejn ikkopera mal-Pulizija bis-shieh u qal fil-fatt meta kien gie mistoqsi jekk huwa kellux linji ohra tal-mobile u kien qal le, l-unika linja kienet ohra li ma kellhiex x’taqsam mal-kaz. Meta izda gie kkonfrontat b’kuntratt tat-30 t’April ta’ l-2012, fejn fuqha wkoll jidher l-firma ta’ Paul Vella, dan qal li dik kienet il-firma tieghu u jiftakar wkoll li dak il-kuntratt kien mar ghamlu flimkien ma’ certu Rashid. Huwa kien ghadda l-mobile number ta’ dan Rashid illi kien in-numru 99111555. Kien qal li jiftakar li kien mar ma’ dan Rashid f’diversi hwienet tal-GO, tal-Melita u kif ukoll tal-Vodafone fejn meta gie mistoqsi fuq Rashid qal li dan kien ilu jafu madwar sittax-il sena, fejn qabel Paul Vella kien joqghod il-Hamrun u fl-

istess blokka li kien joqghod hu, kienet toqghod certu partner ta’ dan Rashid u allura sar jafu minn hemmhekk.

Ghalhekk il-Pulizija ghamlet tfittxija ghal dan Rashid u kien irrizulta li dan in-numru tal-mobile jghajjat lil certu Maher Asleh ID card number 272207 (L). Il-Pulizija tellghet ritratt tieghu u Paul Vella kien ikkonferma li dan huwa l-istess persuna li huwa kien jaf b’Rashid. Meta gie mistoqsi izjed ghal liema raguni huwa kien accetta biex imur go dawn il-hwienet sabiex jaghmel dawn il-kuntratti - ghax kien qal li hu ma kienx ghamel kuntratt wiehed mal-Go pero’ kien anke mar Vodafone u ghamel kuntratt ukoll, fejn hemmhekk kien iffirma u nghata mobile phone, anzi l-mobile phone u l-linja kien hadhom dejjem Rashid, li mbghad irrizulta ma’ Maher Asleh - Paul Vella qal li hu kien accetta li jaghmel dan ghaliex Rashid dejjem kien jghidlu illi kien ha jaghmel negozju bil-mobile u bl-Internet, fejn huwa kien ser ikollu hamsin fil-mija qliegh u allura huwa kien accetta li jaghmel dan, pero fil-verita qatt ma ha flus minghadu hlief kull darba li kien imur mieghu ghand xi branch minn tal-Vodafone jew tal-GO, kien jaghtih €10 jew jixtrilu xi hobza taz-zejt u Coca. Il-Pulizija giet infurmata wkoll li Paul Vella kien ghamel kuntratt ukoll mal-Vodafone, ghalhekk saret ricerka mal-Vodafone u mal-Melita, u rrisulta li mal-kuntratt li kien iffirma Paul Vella kien inghata iphone 4S.

Wara dan kien inhareg mandat ghal Asleh Maher, fejn saret it-tfittxija gor-residenza tieghu fil-prezenza tieghu, fejn huwa kien wahdu dak il-hin pero’ kien joqghod mal-mara tieghu Henda Asleh. F’din it-tfittxija kienu gew elevati

diversi mobile phones pero m'humiex dawk il-mobile phones imsemmija hawn fuq.

Ghalhekk f'din it-tfittxija li saret f'San Pawl il-Bahar instabu diversi mobile phones Nokia ta' mudell antik li ma jiehux Internet. Instabu xi sockets tal-GO wkoll u Internet sockets fejn hemmhekk gie elevat wkoll laptop li dak il-hin kien imqabbad. Instabu packages tas-sim cards, diversi, anke ta' l-istess mobile numbers, fosthom ta' 79061376 li kienet tghajjat lil Paul Vella. Instabu wkoll package ohra 99679853. Instabu zewg kuntratti ohra mal-GO mobile li kienu jghajtu lil certu Anthony Azzopardi b'ID card number 677546 fejn kien intalab fuq zewg linji lokali 21441767 u 21441790, kien intalab xi duo pack ta' l-Internet fir-residenza 96 Santa Rita, Karmnu Street, Birkirkara.

Fuq dik l-informazzjoni u d-dokumenti li gew elevati mid-dar ta' Asleh, saret tfittxija ghal Anthony Azzopardi. Huwa kien gie wkoll migjub id-Depot fejn dan kien qal li huwa kien pensjonant u jahdem bhala parker. Meta kien gie konfrontat b'dawn iz-zewg kuntratti, huwa kien qal li dan kien gie persuna barranija fuqu li jitkellem bil-Malti u kien hajjru biex imur mieghu ghand tal-GO u jaghmel dawn iz-zewg kuntratti ghaliex kien ser ibda xi buisness ta' mobile phones mill-Italja u allura dan kien ikkonvincieh u kien mar mieghu ghaliex kien weghdu li mill-profitti ha jtih xi persentagg. Meta kien gie mistoqsi jekk huwa kellux xi relazzjoni ma' dan il-fond 96 Santa Rita Triq il-Karmnu Birkirkara, hu kien qal li li sa fejn jaf hu dan il-barrani kien joqghod go dan il-post. Meta Azzopardi gie muri l-istess ritratt ta' Asleh Maher huwa kien ikkonferma li dan kien il-persuna li huwa kien mar mieghu fil-branch tal-GO tal-Belt, fejn

hemmhekk huwa kien iffirma dan il-kuntratt. Qal ukoll, pero', li kull ma kien rah kien xi tlett darbiet jew erbgha, u qatt ma kien tah l-ebda sold.

Ghalhekk inhareg mandat iehor sabiex issir tfittxija f'dan il-post 96 Santa Rita, Triq il-Karmnu Birkirkara fejn ma kien instab xejn rilevanti mal-kaz. Gie investigat Youssef Ismail Maher Asleh u ttiehdet stqarrija tieghu bil-miktub li huwa ghazel li ma jiffirmax fejn kien cahad kwazi kollox, anke li hu ma jafx lil Paul Vella. Prattikament qal li hu ma jaf xejn fuq dawn l-affarijiet li sarulu l-mistoqsijiet fuqhom. Qal li ma jaf xejn u li ma jafhomx lil dawn in-nies, la lil Paul Vella u lanqas lil Anthony Azzopardi. Hu m'ghandu l-ebda relazzjoni ma' dawk il-postijiet li gew indikati lilu. Giet mitkellma wkoll il-mara tal-imputat izda din ukoll ma kienet taf xejn fuq il-fatti msemmija. L-Ispettur Farrugia esebiet diversi dokumenti li ghamlet riferenza ghalihom fix-xiehda taghha, fosthom zewg stqarrijiet tal-imputat u dokumenti ohra minn ghand il-GO u l-Vodafone.

Xehdu ukoll Paul Vella u Anthony Azzopardi, li a skans ta' ripetizzjoni kkonfermaw l-verzjoni li kienu taw lill-Pulizija meta kienu gew interrogati minnhom. It-tnejn gharfu lill-imputat bhala l-persuna li kien qalilhom li ser jaghmel negozju maghhom.

Xehdet Charmaine Galea Triganza, ghall-GO, li qalet li fil-lejl bejn is-6 u s-7 ta' Lulju 2012, fuq il-linja gia' msemmija, gew registrati kwantita' konsiderevoli ta' telefonati lejn il-Litwanja u s-Somalja, b'mod li s-sistema tal-GO irregistrat allert u l-linja twaqqfet immedjatament. Sal-hin li twaqqfet il-linja kien lahaq

tela' kont ta' madwar sitt elef u hames mitt ewro. Hi spjegat li din l-anomalija kienet maghrufa bhala 'international reenue share fraud'. Instab li l-linja in kwistjoni kienet irregistrata fuq Paul Vella, u li dan kien mar gurnata qabel f'hanut tal-GO flimkien ma' persuna ohra u ha sim card gdida fuq l-istess linja. Fil-fatt gew esebiti ritratti tal-CCTV tal-istess hanut li juru lil Vella u lill-imputat fil-hanut imsemmi.

Xehdet ukoll Vanessa Borg ghall-Vodafone, li qalet li kien hemm kuntratt ma' Paul Vella, li kellu n-numru 99698817, li kien ukoll tella' kont konsiderevoli, ta' xi sbatax-il elf ewro, u minn analisi li ghamlet irrisulta li mal-kuntratt li kien ghamel Vella kien inghata iPhone 4, izda fuq dak l-apparat kien qed jintuza sim card irregistrat fuq isem l-imputat. Di fatti kellha wkoll filmat tal-imputat ihallas kont ta' Vella f'hanut tal-Vodafone. Hi esebiet id-dokumenti in sostenn ta' dak kollu li xehdet fuqu.

In difesa xehed l-imputat li kkonferma l-istqarrija tieghu u l-kontenut taghha. Hu qal li ma jafx lil Paul Vella u li qatt m'ghamel xejn hazin. Hu nnega li kien hu li qabbad il-linji tal-GO biex saru dawk it-telefonati kollha. Anke in kontro-ezami, baqa' jinnega li b'xi mod kellu involviment f'dan il-kaz.

Mill-provi prodotti huwa evidenti ghall-Qorti li l-imputat effettivament ghamel uzu mil-linji tat-telefon irregistrati fuq Anthony Azzopardi u Paul Vella a detriment ta' Go u Vodafone. L-imputat ma ta ebda spjegazzjoni plawsibbli ghalfejn kien mar ma' Paul Vella fil-5 ta' Lulju 2012 fil-hanut tal-GO u ha sim card gdida. L-anqas ta spjegazzjoni ghalfejn kien hemm sim card irregistrata

fuq ismu qed tintuza fuq mobile tal-Vodafone irregistrat fuq Paul Vella. Hu baqa' jghid li ma jafhomx u li ma kellux x'jaqsam ma' din l-affari kolha, meta l-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni juru l-kontra, sahansitra anke r-ritratti esebiti mehuda mill-filmati tal-hwienet tal-GO u tal-Vodafone. Hija ferm semplicistika d-difiza tal-imputat li jinnega li jaf lil Azzopardi u lil Vella. Ghalhekk l-imputat ser jigi dikjarat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u kwantu ghall-finijiet ta' piena, din ghandha tkun ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a), 31 u 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat hati, u ghaldaqstant tikkundannah piena ta' sentejn prigunerija.

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' elfejn, mitejn u hamsa w hamsin Ewro, seba' w tletin centezmu (€2,255.37) dovuti bhala spejjez tal-esperti mahtura fil-mori tal-kawza, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------